**158. L-Onor Alfred Sant MP, l-Onor Charles Mangion MP u l-Onor Michael Farrugia MP jipproponu:**

Din il- Kamra tar-Rappreżentanti;

KONXJA tal-ħtieġa li s-servizzi mediċi f pajjiżna jkunu ta' l-aqwa kwalita', u li jkollna sptar ġenerali modern attrezzat skond l-aqwa kriterji;

KONXJA tan-nefqa enormi ta' miljuni ta' liri li saret fl-aħħar snin mill-Gvern Nazzjonalista mmexxi minn Dr. Eddie Fenecli Adami u Dr. Lawrence Gonzi, fuq il-bini ta' 1-isptar f Tal-Qroqq;

IMĦASSBA serjament bil-mod kif matul is-snin l-istess Gvern Nazzjonalista daħal fi Frar 2000 għal ftehim ta' bini fuq bażi ta' *design and build* mal-Konsorzju Skanska Malta Joint Venture, permezz tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi, u ħalla 1-ispiża għall-bini ta' l-isptar f' Tal-Qroqq tispara 'l fuq bla kontroll;

TAGĦRAF li n-negozjati li dddeskiiva l-Onorevoli Prim Ministru Lawrence Gonzi fl-istqarrija tiegħu tat-Tnejn 8 ta' Novembru 2004, ma' Skanska Malta Joint Venture biex tissewwa l-ħsara finanzjara kbira li saret lill-pajjiż bil-bini ta' 1-isptar, ġew tard wisq, ma kienux trasparenti biżżejjed, u kellhom riżultat li ħalla lill-poplu Malti u Għawdxi skopert b'rniljuni kbar ta' liri Maltin;

TINNOTA;

Li l-ftehim fuq l-ispiża għall-bini ta' l-isptar f' Tal-Qroqq telgħet minn Lm83 miljun għal Lm 139 rniljun;

Li l-ftuħ ta' l-isptar f' Tal-Qroqq li għall-bidu kellu jsir fis-sena 2003, u wara ġie mwiegħed għal nofs is-sena 2005, issa gie mtawwal sa' nofs is-sena 2007;

Li minkejja l-ftehim ta' Frar 2000 jistabbilixxi penali jekk id-dati fissati ma jintlaħqux, dawn il-penalitajiet issa gew maħfura;

Li n-nefqa globali vera fuq 1-isptar f'Tal-Qroqq sa l-aħħar ta' din is-sena se tkun laħqet iċ-ċifra ta' Lm151 miljun, u mistennija titla' għal mill-anqas Lm216 miljun, jekk l-isptar jinfetaħ fl-2007;

TIDDIKJARA li n-negozjati kif immexxija mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-konklużjoni ta' dawn in-negozjati, huma disfatta politika u morali, fejn il-poplu Malti u Għawdxi ħareġ tellief;

Ghaldaqstant,

Din il-Kamra tar-Rappreżentanti TIKKUNDANNA l-mod inkompetenti u ineffiċjenti kif il-Gvern Nazzjonalista mexxa '1 quddiem u mplimenta proġett ta' interess nazzjonali, bħalma huwa

l-isptar f Tal-Qroqq, u TISTQARR L-ISFIDUĊJA TAGĦHA fit-trnexxija tal-Gvern Nazzjonalista immexxi minn Dr. Lawrence Gonzi.

12.11.04

**Emenda għall-mozzjoni Nru 158 mressqa mill-Prim Ministru (Carried)**

Ħassar il-kliem kollu li jibda bil-Kliem "KONXJA tan-nefqa enormi" sa l-aħħar tal-mozzjoni u issostitwihom b'dan li ġej:

"TINNOTA b'sodisfazzjon illi l-ftehim ntlaħaq bejn il-Gvern u l-konsorzju Skanska Malta Joint Venture, jistablixxi illi:

**1.** Skanska aċċettat li l-kuntratt jinbidel għal wieħed ta' Lump Sum.
**2.** Il-prezz finali pagabbli lill-Skanska issa ġiet stabbilita u ser ikun ta' Lm 139 Miljuni, li jfisser Lm25 Miljun anqas minn dak li kien qiegħed jirriżulta bil-bidu tan-negozjati.
**3.** Id-data tal-ftuħ ta' l-isptar sejra tkun ta' l-1 ta' Lulju 2007.
**4.** Ikun hemm penali ta' Lm 1 Miljun fix-xahar (kalkulata għal kull ġurnata dewmien) sa massimu ta' Lm 5 Miljuni, jekk tinqabeż id-data ta' l-1 ta' Lulju 2007.
**5.** L-immaniġġjar ta' l-istallazzjoni tal-apparat mediku issa ser tkun responsabbilta ta' Skanska.
**6.** Sa l-1 ta Lulju 2007, il-bini eżistenti ta' l-isptar ser jakkomoda fih servizzi li kienu maħsuba li jkunu integrati wara l-2010 u allura mhux biss ġew iffrankati l-miljuni imma sa l-1 ta' Lulju 2007, ser ikunu qed jingħataw kważi l-firxa kollha ta' servizzi fl-istess waqt li l-ispazju kollu ta' l-isptar San Luqa u dak ta' l-isptar Boffa jkunu miftuħa għal żvilupp alternattiv.

TIDDIKJARA li r-riżultat ta' dawn in-negozjati huma fl-aħjar interess nazzjonali għaliex ser iwasslu għall-iskop aħħari – dak li l-poplu Malti u Għawdxi jibda minn Sptar ta' l-aqwa kwalita.

Għaldaqstant,

Din il-Kamra tar-Rappreżentanti filwaqt li tifraħ lil Gvern għas-suċċess miksub b'dawn in-negozjati, tesprimi l-fiduċja sħiħa tagħha fil-Gvern u tħeġġu biex fiż-żmien li fadal jara li x-xogħol li għad irid isir, ikun eżegwit fit-termini mifthema bejn iż-żewġ naħat."

18.11.04